MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 824/2007

**Joseph Sammut ezercenti l-kummerc taht l-isem ta` JS Household Distributors**

**Vs**

**Gordon Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet prezentat fit-12 ta` Novembru, 2007 in forza ta` liema gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lil attur is-somma ta` Lm400, rapprezentanti bilanc ta` prezz minn somma akbar ghal household appliance debitament mibjuha u kkunsenjata lill-istess konvenut.

Intalbu wkoll l-imghaxijiet fuq l-istess ammont mitlub mid-data ta` l-fattura u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut inkluz dawk ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Gunju, 2007.

Ra li ghalkemm il-konvenut inghata l-opportunita` biex iressaq ir-risposta formali tieghu peress illi kien qieghed jikkontesta t-talba attrici huwa naqas li jaghmel dan.

Sema` l-provi tal-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi mix-xhieda ta` l-attur ghandu jirrizulta illi l-konvenut kien xtara minghandu television tal-kulur tal-marka Grundig u ghal dan it-television il-konvenut kien halsu depozitu ta` Lm130 u ghalhekk jifdal il-bilanc mitluba f`din il-kawza fis-somma ta` Lm400 illi dana jirrizulta kemm mix-xhieda ta` l-istess attur bil-gurament tieghu u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti u mmarkati Dok. JS2 u Dok. JS3.

Illi fil-fatt, din il-verzjoni ta` l-attur tinsab ikkonfermata anka tramite x-xhieda bil-gurament ta` l-istess konvenut li kkonferma li xtara t-television minghand l-attur u li kien hallas depozitu akkont pero` l-istess konvenut jafferma illi ma jistax jiftakar kemm kien jiswa` t-television u lanqas ma seta` jiftakar kemm kien id-depozitu li hallas u kwindi ma jafx kemm kien il-bilanc illi kellu jhallas ghalkemm jikkonferma illi ghad hemm bilanc x`ihallas.

Ghaldaqstant, it-Tribunal in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara illi t-talba ta` l-attur tinsab sodisfacentement ippruvata, kwindi jilqa` t-talba ta` l-attur u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil attur is-somma mitluba ta` €931.75c (Euros) gia` Lm400, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-4 ta` April, tas-sena 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza nkluz dik ta` l-ittra ufficcjali datata 22 ta` Gunju, 2007 a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------